MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1326/1992/1

**Carmelo Bezzina**

**vs.**

**Mark Laferla ghan-nom u in rapprezentanza ta' Laferla Insurance Services Limited u din in rapprezentanza ta' Crowe Motor Policies at Lloyds u Dr. Giannino Caruana Demajo ghan-nom u in rapprezentanza ta' Middle Sea Insurance Company Limited (Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-10 ta' Mejju 1993)**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta :-

Illi l-kumpanija konvenuta, rappresentata mill-konvenut dahlet f'kuntratt ta' assigurazzjoni mal-attur u dan biex tforni kopertura assigurattiva lil-istess kontra r-riskji tal-vettura inkluz is-serq tal-istess vettura K-6084;

Illi gara li l-karozza assigurata insterqet fis-7 ta' April, l99l;

Illi meta giet infurmata il-kumpanija assiguratrici dwar il-fatti li graw, u li ghalhekk avverat ruhha s-sitwazzjoni li l-kumpanija konvenuta kienet obbligata li tkopri u thallas id-dannu soffert mill-attur u dan in forza tal-kuntratt ta' assigurazzjoni, l-istess kumpanija konvenuta naqset li taghmel dan, u dan billi indikat bhala raguni li l-valur assigurat u li fuqhu kien thallas il-premium ftit qabel, kien gholi;

Illi l-kuntratt ta' assigurazzjoni huwa ta' uberrimae bonae fidei, u l-kumpanija konvenuta qed tonqos mill-obbligu taghha li thallas l-ammont ta' elfejn u hames mitt lira maltin (Lm2500) valur assigurat;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut nomine jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tikkundanna lill-istess ghall-hlas lill-attur tas-somma ta' elfejn u hames mitt lira maltin (Lm2500) liema somma tirrapresenta d-dannu soffert mill-attur meta nsterqet il-karozza K6084 assigurata mill-attur kontra liema riskju l-kumpanija konvenuta assigurat lill-istess attur;

Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet legali mid-data meta gara d-dannu kopert bl-assikurazzjoni u cioe mis-7 ta' April l99l kontra l-konvenut nomine li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitrament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn gie eccepit :-

1. Illi l-eccipjent ma ghandux rapport giuridiku mal-attur billi s-socjeta minnhu rappresentata tagixxi bhala agenti u mandatarja tal-assikuraturi tal-vettura tal-attur precizament Crowe Motor Policies at Lloyds u is-socjeta Middle Sea Insurance Co. Ltd u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess attur;

.
2. Illi, subordinatament, is-somma pretiza mill-attur bhala risarciment tal-vettura illi huwa jghid li insterqet hija eccessiva;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tal-10 ta' Mejju 1993 li bih giet ordnata zieda fl-okkju tal-kawza u b'hekk giet sorvolata l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tal-21 ta' Novembru 1994 li bih gie nominat bhala espert tekniku William Cassar Torreggiani bil-fakoltajiet soliti;

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Marzu 1995 minn fejn, fost affarijiet ohra, jirrizulta li s-socjeta konvenuta ddikjarat li fiz-zmien li gara l-incident allegat mill-attur hi kienet tassigura l-vettura in kwistjoni K-6084, that polza "third party - fire and theft", liema polza tikkontempla risarciment f'kaz ta' serq tal-karozza;

Rat ir-rapport tal-imsemmi perit tekniku debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tad-19 ta' Ottubru 1998;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Mejju 1999;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta konvenuta Laferla Insurance Services Limited nomine;

Ikkonsidrat:

Ma tirrizulta ebda responsabilita' ghar-rigward tas-socjeta konvenuta Middle Sea Insurance Company Limited u ghalhekk din is-socjeta konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Fic-citazzjoni l-attur jallega li s-socjeta konvenuta Laferla Insurance Services Limited nomine kienet qed tipprovdi kopertura assigurattiva, inkluz kontra s-serq, ghar-rigward tal-vettura tal-attur tal-marka Golf numru ta' registrazzjoni K-6084. L-attur ikompli jallega li l-imsemmija vettura nsterqet fis-7 ta' April, l99l. L-imsemmija socjeta konvenuta, pero', naqset li tkopri u thallas id-dannu soffert mill-attur u dan billi sotniet li l-valur assigurat tal-istess vettura kien gholi. L-attur ikompli jippremetti li l-valur assigurat tal-vettura kien jammonta ghal elfejn u hames mitt lira maltin (Lm2500) u kien ragionevoli. Ghalhekk l-attur qed jitlob li s-socjeta konvenuta nomine tigi kundannata thallas l-imsemmija somma ta' Lm2500 bhala s-somma li tirrapresenta d-dannu soffert mill-attur meta nsterqet il-karozza in kwestjoni;

L-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta giet sorvolata permezz tal-imsemmi digriet ta din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-10 ta' Mejju 1993 li bih giet ordnata zieda fl-okkju tal-kawza. Fit-tieni lok l-istess socjeta konvenuta qed teccepixxi li s-somma pretiza mill-attur bhala risarciment tal-vettura illi huwa jghid li insterqet hija eccessiva;

Mill-imsemmi verbal tas-seduta tas-27 ta' Marzu 1995 jirrizulta li s-socjeta konvenuta nomine ammettiet li meta allegatament insterqet il-vettura in kwestjoni hi kienet qed tipprovdi kopertura assikurattiva lill-attur ghar-rigward tal-istess vettura kontra r-riskju tas-serq u ghalhekk il-polza relattiva kienet tikkontempla risarciment dovut lill-attur f'kaz ta' serq tal-vettura;

Jirizulta suficjentement pruvat li l-vettura in kwestjoni insterqet mill-Hamrun fis-7 ta' April 1991;

Ghalhekk ma hemmx dubju li s-socjeta konvenuta Laferla Insurance nomine hi tenuta li tirrisarcixxi l-attur ghad-dannu soffert mill-istess attur meta l-imsemmija karozza assigurata insterqet. Jibqa ghalhekk li jigi stabbilit l-ammont li s-socjeta konvenuta nomine ghanda thallas lill-attur bhala risarciment;

Il-valur li ghalih kienet assigurata l-vettura ma jirrizultax b'mod car u nett. Difatti l-attur xehed li huwa kien akkwista l-vettura "second hand" ghas-somma ta' Lm2500 u li kien assikura l-istess vettura ghall-istess somma. Mill-"proposal form" li giet esibita pero' jidher li s-somma assikurata setghet kienet jew Lm2800 jew Lm2300. Jista jkun li meta saret il-proposal form il-valur tal-vettura ma giex verifikat mal-hekk imsejjha "guidelines" li johorgu d-ditti tal-assikurazzjoni dwar il-valuri tal-vetturi meta jghaddi iz-zmien;

Jirrizulta li l-vettura kienet f'kondizzjoni tajba. L-istess vettura kienet inharget l-ewwel darba fit-triq fil-1980 u gdida nxtrat ghas-somma ta' Lm3,900. Sussegwentement gol-karozza kienet giet installata sistema ta' arja kondizzjonata u b'hekk jista jkun li l-valur taghha akkrexxa;

F'dawn ic-cirkostanzi kollha ghandha tinghata importanza lill-istima li saret mill-espert inkarikat mill-Qorti. Difatti l-Perit Tekniku William Cassar Torreggiani, wara li kkonsidra dak kollu li setgha kien rilevanti, kkonkluda li l-karozza fiz-zmien meta nsterqet kienet tiswa Lm2,000. Minn dan l-ammont ghandha titnaqqas is-somma ta Lm100 li hu l-excess li ghandu jithallas mill-assigurat;

Fid-dawl ta' dan kollu hu ragionevoli li t-talbiet attrici jigu akkolti pero' limitatament ghas-somma ta' elf u disa mitt liri maltin (Lm1900);

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u b'hekk tikkundanna lis-socjeta konvenuta Laferla Insurance Services Limited nomine thallas lill-attur is-somma ta' elf u disa mitt lira maltin (Lm1900) liema somma tirrapresenta d-dannu soffert mill-attur meta nsterqet il-karozza K6084 u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Tillibera lis-socjeta konvenuta l-ohra Middle Sea Insurance Company Limited mill-osservanza tal-gudizzju;

Spejjes kollha jithallsu mis-socjeta konvenuta Laferla Insurance Services Limited nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------